



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0321/2021**

15.11.2021

# **RAPPORT**

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija  
(2021/2077(INI))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Seán Kelly

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET .....	3
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	10
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU .....	25
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	33
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	34

## NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

### Kuntest

Il-bini huwa indispensabbli biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE dwar in-newtralità karbonika, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli. L-ilħuq tal-miri klimatiċi tagħna mingħajr id-dekarbonizzazzjoni tal-ispazji tal-għajxien u tax-xogħol tagħna jidher impossibbli. Fil-fatt, dawn huma responsabbli għal 36% tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u 40% tal-konsum tal-enerġija fl-UE. Madankollu, fl-Ewropa tal-lum, 75% tal-bini mhuwiex effiċjenti fl-użu tal-enerġija, l-aktar minħabba li ħafna mill-bini li qed jintuża llum inbena qabel ma ġew implimentati r-rekwiżiti attwali.

Hekk kif l-Unjoni dan l-aħħar stabbiliet il-mira tagħha ta' tnaqqis nett ta' 55% tal-emissjonijiet sal-2030, iż-żieda fir-rendiment tal-bini tagħha fl-użu tal-enerġija għandha tikkontribwixxi l-aktar biex jinkiseb dak l-oġġettiv. Fil-fatt, l-UE għandha tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bini tagħha b'60%, il-konsum finali tal-enerġija tiegħu b'14% u l-konsum tal-enerġija għat-tiħin u t-tkessiħ bi 18%.

Hemm ukoll bosta benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi assoċjati mar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika, li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija, emissjonijiet aktar baxxi, tnaqqis fil-kontijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll titjib tal-kompetittività Ewropea u tar-reżiljenza ekonomika.

Filwaqt li l-aħħar rekwiżiti tal-enerġija japplikaw għal bini ġdid, ma rridux ninsew il-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini eżistenti, peress li, skont l-istimi, madwar 85-95% tal-bini tal-lum se jkun qed jintuża sal-2050. Għalhekk, kwalunkwe strateġija konvinċenti jeħtiġilha tindirizza l-istokk tal-bini kif ukoll il-kostruzzjonijiet il-ġodda.

Madankollu, ir-rata ta' rinnovazzjoni tal-bini bħalissa hija baxxa b'madwar 1% fis-sena u l-programm ta' rinnovazzjoni mhux dejjem ikopri l-aspetti tal-enerġija. B'mod komuni, se jkollha fil-mira l-konsum tal-enerġija biex tnaqqas il-ħela fil-provvista u se ttejjeb is-sistemi tekniċi tal-bini. L-installazzjoni ta' enerġija rinnovabbli hija inqas frekwenti u l-indirizzar ta' kwistjonijiet strutturali dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija hija saħansitra aktar rari. Dan iqajjem il-kwistjoni tal-istrateġiji stabbiliti biex jiġi żgurat li r-rata ta' rinnovazzjoni taċċellera filwaqt li jkollha fil-mira l-problemi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Barra minn hekk, ir-rata ta' rinnovazzjoni tal-bini hija mxekkla mill-fatt li l-akbar kisbiet potenzjali jinsabu fis-settur residenzjali<sup>1</sup>, fejn is-sidien huma aktar mifruxa milli fl-ispazju mhux residenzjali.

### Qafas leġiżlattiv

Dawn l-osservazzjonijiet iġġustifikaw l-intervent fil-livell tal-Unjoni biex jiġu armonizzati u stabbiliti aspettattivi minimi għat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-bini.

---

<sup>1</sup> Skont il-valutazzjoni tal-impatt għall-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, is-settur residenzjali jkollu jgħaddi mill-ogħla tnaqqis fid-domanda għall-enerġija fit-tiħin u t-tkessiħ, li jvarja bejn -19% u -23%, meta mqabbel mal-2015.

Id-Direttiva 2010/31/UE ("id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija" jew "EPBD") hija l-istrument legali ewlieni fl-Unjoni Ewropea. Din tipprevedi approċċ komprensiv u integrat lejn it-titjib tal-użu effiċjenti tal-enerġija kemm f'bini ġdid u dak eżistenti, residenzjali kif ukoll kummerċjali. Id-dispożizzjonijiet tal-EPBD ikopru l-ħtiġijiet tal-enerġija għall-iżolament termali, għat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma, għat-tkessiġ, għall-ventilazzjoni u għat-tidwil.

L-EPBD għandha żewġ objettivi komplementari, jiġifieri li tħaffef ir-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti sal-2050 u li tappoġġja l-modernizzazzjoni tal-bini kollu b'teknoloġiji intelliġenti u b'rabta aktar ċara mal-mobbiltà nadifa. L-EPBD hija maħsuba wkoll biex tipprovdi ambjent stabbli għad-deċiżjonijiet dwar l-investment u tippermetti lill-konsumaturi u lin-negozji jagħmlu għażliet aktar infurmati biex jiffrankaw l-enerġija u l-flus.

L-EPBD tirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul u jstabbilixxu rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini mibni reċentement u tal-bini eżistenti li qed issirlu rinnovazzjoni estensiva. Fi kliem ieħor, din trawwem approċċ konverġenti u ambizzjuż għar-rinnovazzjoni fit-tul tal-bini mingħajr ma timponi r-ritmu u l-metodu għal dik ir-rinnovazzjoni, li jitħallew f'idejn l-Istati Membri.

Din ġiet ikkomplementata mid-Direttiva 2012/27/UE (id-"Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika" jew "EED") li kien fiha dispożizzjonijiet dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini u strateġiji fit-tul għall-mobilizzazzjoni tal-investment fir-rinnovazzjoni tal-istokkijiet tal-bini nazzjonali.

L-aħħar reviżjoni għall-EPBD saret fl-2018. L-EPBD u l-EED ġew emendati bid-Direttiva (UE) 2018/844, li daħlet fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2018 u kellha tiġi trasposta sal-10 ta' April 2020. Huwa importanti li **dan ir-rapport ta' implimentazzjoni jiffoka fuq l-aħħar bidliet fl-EPBD** li ġew introdotti dak iż-żmien, b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-Istati Membri biex jippreżentaw verżjoni aġġornata tal-Istrateġiji ta' Rinnovazzjoni fit-Tul (LTRSS) tagħhom, u ma jkoprix l-implimentazzjoni tal-partijiet tal-EPBD li ma kinux affettwati mill-aħħar reviżjoni tagħha.

Skont l-Artikolu 4 tal-EED, l-Istati Membri diġà kellhom l-obbligu li jippreżentaw l-LTRSSs biex jippermettu l-implimentazzjoni tal-isforzi tagħhom fil-prattika permezz ta' ppjanar strateġiku, politiki effettivi u appoġġ finanzjarju. L-LTRSSs b'saħħithom kienu mistennija jaċċelleraw ir-rinnovazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti u jiżguraw żieda fir-rinnovazzjonijiet profondi. Strateġija mhijiex għan fiha nnifisha, iżda punt ta' tluq għal azzjoni aktar b'saħħitha. L-LTRSSs huma wkoll parti mill-Pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs). Filwaqt li l-Istati Membri jeħtiġilhom jadottaw l-LTRSSs, ma hemm l-ebda obbligu legali fuqhom biex jimplimentawhom u għalhekk il-Kummissjoni tista' biss tivvalutahom iżda mhux tikkontrolla l-effettività tagħhom.

Saru iterazzjonijiet tal-LTRSSs fl-2014 u fl-2017. Fl-2018, l-obbligu għall-Istati Membri li jstabbilixxu LTRS tal-istokk tal-bini nazzjonali tagħhom ġie mċaqlaq mill-EED għall-EPBD. Fil-fatt, l-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2018/844 introduċa fl-EPBD Artikolu 2a ġdid dwar l-LTRSSs u ħassar l-Artikolu 4 tal-EED.

## **L-aħħar żviluppi**

Sussegwentement, fl-2019, il-Kummissjoni ħarġet żewġ rakkomandazzjonijiet dwar ir-

rinnovazzjoni tal-bini<sup>2</sup> u dwar il-modernizzazzjoni tal-bini<sup>3</sup>, abbażi tar-reviżjoni tal-EPBD tal-2018, biex lill-Istati Membri tiffaċilitalhom it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

- Sadanittant, il-Kummissjoni ħadmet fuq ir-reviżjoni li jmiss tagħha tal-EPBD fl-ambitu tal-Pakkett "lesti għall-mira ta' 55%". Il-bidliet fl-EPBD ġew imħabbra fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Istrateġija Mewġa ta' Rinnovazzjoni ta' Ottubru 2020<sup>4</sup>. Fi Frar 2021, din ippubblikat valutazzjoni tal-impatt tal-bidu<sup>5</sup> bħala parti minn dak il-fluss ta' ħidma. L-objettiv tagħha huwa li tadotta proposta leġiżlattiva li tirrevedi l-EPBD fil-15 ta' Diċembru 2021.

## Elementi tal-aħħar reviżjoni tal-EPBD

Peress li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport ta' implimentazzjoni huwa ristrett għall-aħħar bidliet introdotti fl-EPBD, ta' min iżomm f'moħħu x'inhuma u x'kienu l-objettivi tagħhom fiż-żmien tal-adozzjoni.

- LTRSs (l-Artikolu 2a(1))

Minħabba n-nuqqasijiet tal-istrateġiji tal-2014 u l-2017 u l-urġenza dejjem akbar li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, ir-rekwiżiti tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni ġew imsaħħa fir-reviżjoni tal-2018 tal-EPBD. B'mod partikolari, din espandiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-LTRSs. Bħal għall-verżjonijiet preċedenti, l-LTRSs japplikaw għall-istokk nazzjonali ta' bini pubbliku u privat, residenzjali u mhux residenzjali. Madankollu, l-EPBD emendata tintroduċi obbligi ġodda u usa' u tidentifika oqsma ġodda ta' politika u azzjoni li għandhom jiġu koperti fl-LTRSs.

L-LTRSs tal-Istati Membri issa jeħtiġilhom ikopru l-elementi eżistenti (ara l-Artikolu 4 tal-EED) u elementi ġodda (ara l-Artikolu 2a tal-EPBD). Bidla ewlenija kienet l-obbligu li fl-LTRSs jiġi speċifikat kif għandha tiġi appoġġjata r-rinnovazzjoni tal-istokkijiet tal-bini nazzjonali f'bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050, filwaqt li tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'bini b'użu ta' kważi zero enerġija ("NZEBS").

Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-elementi ġodda li jiffurmaw l-istrateġiji tagħhom (eż. objettivi intermedji, indikaturi, viżjoni aktar fit-tul, punti ta' skattar, bini bl-aġħar rendiment, faqar enerġetiku u teknoloġiji intelliġenti), sabiex jiġi żgurat li l-politiki u l-miżuri rilevanti jkunu kemm jista' jkun effettivi.

<sup>2</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 tat-8 ta' Mejju 2019 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini (notifikata bid-dokument C(2019) 3352) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) C/2019/3352. ĠU L 127, 16.5.2019, p. 34–79

<sup>3</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1019 tas-7 ta' Ġunju 2019 dwar il-modernizzazzjoni tal-bini (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) C/2019/4135. ĠU L 165, 21.6.2019, p. 70–128

<sup>4</sup> COM(2020) 662 final. "Fl-2021, il-Kummissjoni se tirrevedi d-Direttivi dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. Se tipproponi li jiġi introdott obbligu iktar rigoruż biex ikun hemm Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija flimkien mal-introduzzjoni gradwali ta' standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija obligatorji għall-binjiet eżistenti. Se tipproponi wkoll li r-rekwiżiti għar-rinnovazzjoni tal-bini jiġu estiżi għal-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika. Il-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjaw dawn ir-reviżjonijiet leġiżlattivi se jikkunsidraw opzjonijiet differenti f'termini tal-livell, tal-kamp ta' applikazzjoni u tat-tempestività ta' dawn ir-rekwiżiti."

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12910-Efficienza-fl-uzu-tal-enerġija-Revizjoni-tad-Direttiva-dwar-ir-Rendiment-tal-Bini-fl-Użu-tal-Enerġija\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12910-Efficienza-fl-uzu-tal-enerġija-Revizjoni-tad-Direttiva-dwar-ir-Rendiment-tal-Bini-fl-Użu-tal-Enerġija_mt)

Il-Kummissjoni stabbiliet paġna web iddedikata għal-LTRSs<sup>6</sup> u ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal f'Marzu 2021 biex tippreżenta l-valutazzjoni preliminari tagħha ta' 13-il LTRS<sup>7</sup>.

- Pjan direzzjonali (l-Artikolu 2a(2))

Pjan direzzjonali issa huwa element obligatorju tal-LTRSs. Dan jinkludi "*miżuri u indikaturi tal-progress li jistgħu jitkejlu stabbiliti domestikament, bil-ħsieb tal-għan fit-tul għall-2050 li l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-Unjoni jitnaqqsu bi 80-95% meta mqabbel mal-1990*".

- Obbligu li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-mekkaniżmi li jappoġġjaw il-mobilizzazzjoni tal-investimenti (l-Artikolu 2a(3))

L-EPBD l-aktar reċenti tintroduċi l-obbligu fuq l-Istati Membri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-mekkaniżmi finanzjarji ħalli jappoġġjaw il-mobilizzazzjoni tal-investimenti għall-kisba tar-rinnovazzjoni f'konformità mal-istrateġija nazzjonali. Dan l-obbligu jibni fuq l-Artikolu 20 tal-EED, li jirrikjedi li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' finanzjament, jew l-użu ta' dawk eżistenti, għal miżuri ta' titjib tal-effiċjenza enerġetika. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma kinitx teżisti fl-ambitu tal-Artikolu 4 tal-EED. Sabiex jixprunaw l-LTRSs tagħhom, l-Istati Membri għalhekk se jkollhom bżonn joħolqu aċċess għal firxa ta' mekkaniżmi finanzjarji biex jappoġġjaw il-mobilizzazzjoni tal-investimenti.

- Konsultazzjoni pubblika u monitoraġġ (l-Artikolu 2a(5))

Meta jiżviluppa l-LTRS tiegħu "*kull Stat Membru għandu jwettaq konsultazzjoni pubblika*". Dan huwa element ġdid li ma kienx jeżisti fl-ambitu tal-Artikolu 4 tal-EED. Il-konsultazzjoni hija relatata mal-LTRS sħiħa. Peress li l-konsultazzjonijiet pubbliċi jistgħu jtejbju r-riżultati tal-politika, l-EPBD tagħmilhom obligatorji, iżda tħalli lil kull Stat Membru jiddetermina l-format u l-metodu ta' konsultazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll li jistabbilixxu pjattaforma tal-partijiet ikkonċernati.

- Sistemi tekniċi tal-bini (l-Artikolu 8)

Ir-reviżjoni tespandi b'mod sinifikanti l-obbligu, meta jiġi rrinovat jew jinbena l-bini, li jiġi installat tagħmir li jikkontribwixxi għall-elettromobbiltà u għall-indikaturi ta' pronteżza intelliġenti. Tali dispożizzjonijiet, li ma kinux jeżistu fil-verżjoni tal-2010 tal-EPBD, huma ġġustifikati mill-ħtieġa dejjem tikber għall-ispazji tal-parkeġġ, il-kejbiels elettriċi u l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi kemm f'bini ġdid kif ukoll f'bini rrinovat u mill-iżvilupp ta' għodod ġodda li jistgħu jgħinu biex tiġi ffrankata l-enerġija, bħal tagħmir awtoregulatorju għall-kontroll tal-kamra individwali u s-sostituzzjoni ta' spezzjonijiet fiżiċi b'awtomatizzazzjoni tal-bini u superviżjoni elettronika ta' sistemi tekniċi tal-bini.

- Miżuri finanzjarji (l-Artikolu 10(6))

L-EPBD fil-verżjoni preċedenti tagħha kienet tirrikjedi biss lill-Istati Membri biex "*jieħdu kont tal-livelli kost-ottimali tar-rendiment fl-użu tal-enerġija meta jipprovdu inċentivi għall-kostruzzjoni jew rinovazzjoni maġġuri ta' bini*". Ir-reviżjoni tal-2018 tagħti mandat li huma "*jorbtu l-miżuri finanzjarji tagħhom għal titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fir-rinnovazzjoni ta' bini mal-iffrankar fl-enerġija mmirat jew miksub*" iżda tippermetti approċċi differenti biex

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-efficiency/energy-efficient-buildings/long-term-renovation-strategies\\_mt](https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-efficiency/energy-efficient-buildings/long-term-renovation-strategies_mt)

<sup>7</sup> DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI: Analiżi preliminari tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul ta' 13-il Stat Membru (SWD(2021) 69 final)

dan jinkiseb u tipprovdi flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħha skont il-kundizzjonijiet nazzjonali jew reġjonali

- Bażijiet tad-Data għaċ-Ċertifikati tar-Rendiment fl-użu tal-Enerġija (EPCs) (l-Artikolu 10(6a))

L-EPCs huma strumenti importanti li għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u għar-rikonoxximent tal-istat ta' bini u l-għoti ta' informazzjoni lis-sidien u lill-inkwilini tal-bini f'dan ir-rigward. L-Artikolu 20(2) tal-EPBD kien diġà ta' mandat lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni dwar l-EPCs u r-rapporti ta' spezzjoni, dwar l-iskop u l-oġettivi tagħhom, dwar il-modi kosteffettivi u, fejn xieraq, dwar l-istrumenti finanzjarji disponibbli biex jittejjeb ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija lis-sidien jew lill-inkwilini tal-bini. Madankollu, l-Artikolu 10(6a) tal-EPBD iżid li l-bażijiet ta' data tal-EPC iridu jippermettu l-għbir ta' data dwar il-konsum (imkejjejl jew ikkalkulat) tal-bini kopert. L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jistabbilixxu bażi ta' data jew reġistru. Fejn teżisti jew tiġi introdotta tali bażi ta' data, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkonformaw ma' din id-dispożizzjoni għdida.

Kien hemm penetrazzjoni relattivament baxxa tal-EPCs madwar l-UE bi tliet Stati Membri biss li s-sehem ta' abitazzjonijiet koperti jaqbeż il-15% tal-istokk tal-bini nazzjonali<sup>8</sup>.

- Data anonimizzata aggregata: l-Artikolu 10(6b)

Din id-dispożizzjoni speċifika tistabbilixxi li "*tal-inqas data anonimizzata aggregata konformi mar-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-data tal-Unjoni u dawk nazzjonali għandha tkun disponibbli meta mitluba għal finijiet ta' statistika u ta' riċerka u għas-sid tal-bini.*" Din id-dispożizzjoni ma tirrikjedix li jagħmlu bidliet fil-bażijiet ta' data eżistenti, iżda li jiżguraw li l-qafas leġiżlattiv jippermetti li d-data ssir disponibbli.

- Spezzjoni tas-sistemi tat-tiġin u tas-sistemi tal-arja kundizzjonata (l-Artikoli 14 u 15)

Sabiex jiġi żgurat ir-rendiment inizjali u kontinwu tas-sistemi tat-tiġin, tas-sistemi tal-arja kundizzjonata u tas-sistemi tal-ventilazzjoni, għandhom jiffasslu skemi ta' spezzjoni biex jiġu mmasimizzati r-riżultati tagħhom. L-Artikoli 14 u 15 tal-EPBD jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi tekniċi tal-bini soġġetti għal spezzjonijiet regolari obligatorji jew miżuri alternattivi. Barra minn hekk, dawk l-Artikoli jistabbilixxu alternattivi għall-ispezzjonijiet ibbażati fuq l-awtomatizzazzjoni u l-kontroll jew il-monitoraġġ elettroniku u jistabbilixxu rekwiżiti ġodda dwar l-installazzjoni tas-sistemi tal-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini f'ċertu bini mhux residenzjali. L-awtomatizzazzjoni tal-bini u l-monitoraġġ elettroniku tas-sistemi tekniċi tal-bini wrew li huma sostituzzjoni effettiva għall-ispezzjonijiet. L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 15(4) tal-EPBD se tiżgura li s-sistemi tal-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini jkunu installati fil-bini mhux residenzjali fejn l-output nominali effettiv tat-tiġin jew tal-arja kundizzjonata jkun ogħla minn ċertu livell limitu, u meta dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli.

- Informazzjoni lis-sidien jew lill-inkwilini tal-bini (l-Artikolu 20)

L-Artikolu 20 ġie emendat biex jiċċara l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni lill-inkwilini jew lis-sidien tal-bini. Il-lista ta' każijiet issa tinkludi obbligu li tingħata informazzjoni dwar is-sostituzzjoni ta' bojlers tal-fjuwils fossili b'alternattivi aktar sostenibbli.

---

<sup>8</sup> [https://ec.europa.eu/energy/content/buildings-eps-registered\\_mt](https://ec.europa.eu/energy/content/buildings-eps-registered_mt)

L-Artikolu 20(2) jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri "għandhom jipprovdu l-informazzjoni permezz ta' għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti bħal pariri dwar ir-rinnovazzjoni u punti uniċi ta' servizz".

### Valutazzjoni ġenerali tal-LTRSs

- Skont il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni, hemm appoġġ wiesa' għal aċċess aktar faċli għall-finanzjament, appoġġ tekniku, promozzjoni ta' għodod konsultattivi bħal punti uniċi ta' servizz, indirizzar tal-faqar enerġetiku u informazzjoni aħjar.
- Madankollu, l-LTRSs sottomessi s'issa jvarjaw f'termini tal-kompletezza tal-elementi meħtieġa mill-EPBD u l-livell ta' ambizzjoni tal-miri u l-għanijiet ta' rinnovazzjoni f'termini ta' objettivi u allokkazzjoni baġitarja.
- Fir-rigward tal-aspett tal-kompletezza, u minn perspettiva formali, l-LTRSs b'mod ġenerali rrispettaw ir-rekwiżiti tal-EPBD, u pprovdew informazzjoni fil-kategoriji differenti mitluba mill-Artikolu 2a.
- Fir-rigward tal-livell ta' ambizzjoni tal-istrateġiji, l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal tipi differenti ta' objettivi intermedji indikattivi għall-2030, l-2040 u l-2050, u għal settijiet differenti ta' miżuri ta' politika u allokkazzjonijiet baġitarji.
- L-istrateġiji jinkludu objettiv ta' tnaqqis ta' 90% jew aktar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li huwa konformi mar-rekwiżit legali tal-Artikolu 2a tal-EPBD, li jirrikjedi li l-Istati Membri jstabilixxu għan fit-tul għall-2050 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE bi 80-95% meta mqabbla mal-1990.
- Fir-rigward tal-metodu biex jintlaħaq dak l-objettiv, il-biċċa l-kbira tal-istrateġiji jidhru li jagħmlu aktar sforz lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, aktar milli jtejbu b'mod attiv ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, filwaqt li b'mod ġenerali jnaqqsu l-konsum tal-enerġija f'dan is-settur.
- F'termini ta' granularità tal-istrateġiji, il-livell ta' dettall ipprovdut ivarja minn dokument għal ieħor. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka bħalissa qed jaħdem fuq verifika dettaljata tal-kompletezza; din se tiġi ppubblikata b'mod komplementari għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni ladarba jkun għew sottomessi l-istrateġiji kollha.
- Barra minn hekk, id-data pprovduta mill-Istati Membri tvarja fin-natura tagħha u tagħmilha diffiċli li jitqabbel b'mod preċiż l-effett tal-miżuri nazzjonali differenti. B'mod partikolari, mhux l-istrateġiji kollha ta' rinnovazzjoni fit-tul qed jipprovdu data dwar it-tnaqqis tal-gassijiet serra, li tagħmilha diffiċli li tiġi vvalutata l-ambizzjoni tal-istrateġiji f'termini ta' mitigazzjoni tal-klima. Hemm ukoll lakuni notevoli fil-kostijiet tar-rinnovazzjoni madwar l-Istati Membri li mhux dejjem ikunu faċli biex jiġu ġġustifikati.
- Fir-rigward tal-koerenza ġenerali tagħhom bejn l-impenji u l-finanzjament, l-istrateġiji jonqsu wkoll milli jipprovdu dettall suffiċjenti matul il-perjodu kollu sal-2050 biex jippermettu evalwazzjoni ta' jekk il-politiki ta' appoġġ u l-arranġamenti finanzjarji humiex adegwati biex jintlaħqu l-għanijiet.
- Ħafna Stati Membri ssottomettew l-LTRSs tagħhom tard, u dan jista' jiġi spjegat parzjalment minħabba l-kriżi tal-COVID-19 u l-ħtieġa tal-Istati Membri li jipprovdu wkoll pjanijiet nazzjonali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li integrat komponent b'saħħtu ta' rinnovazzjoni tal-bini. Fil-21 ta' Ġunju 2021, żewġ Stati Membri kienu għadhom ma ssottomettewx l-LTRSs tagħhom (il-Polonja; Malta).
- Sottomissjonijiet bikrija tal-LTRSs jindikaw bil-qawwa r-rieda ta' xi Stati Membri li



jaġixxu malajr biex jimplimentaw l-istrateġija ta' rinnovazzjoni tagħhom, irrISPettivament mill-kuntest globali.

- Lil hinn miċ-ċirkostanzi ta' dawn l-aħħar xhur, dawk l-osservazzjonijiet jidhru li jirriflettu xejra profonda ta' sottomissjonijiet tard u strateġiji mhux kompluti jew mhux konformi mill-2014. Jidher li l-iżvilupp ta' LTRS huwa ttrattat minn xi Stati Membri aktar bħala obbligu, għall-kuntrarju ta' għodda strateġika reali fil-livell nazzjonali favur il-kisba tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali li jista' jrendi l-bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, dekarbonizzat u san. Madankollu, dan il-proċess issa huwa ħafna aktar importanti milli fil-passat, minħabba li l-Kummissjoni għandha tkun tista' tuża l-LTRSs biex tiddetermina jekk il-politiki fil-livell nazzjonali jistgħux jilhq u l-miri ġenerali tal-UE u għalhekk x'għandu jkun hemm fil-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE.
- Iż-żmien tas-sottomissjoni tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul mill-Istati Membri, mifruq fuq is-sena 2020 kollha u li għadu ma ġiex konkluż (ara hawn fuq), naqqas b'mod sinifikanti l-komparabbiltà fost il-pjanijiet elaborati fi Stati Membri differenti. Sottomissjonijiet tard tabilħaqq kellhom il-possibbiltà li fl-istrateġija tagħhom jinkludu wkoll il-kriżi tal-COVID-19 u l-aħħar inizjattivi ta' politika tal-UE, bħall-Mewġa ta' Rinnovazzjoni.
- Lil hinn minn dan, l-oġġettivi tal-LTRS (deskritti fl-Artikolu 2a tal-EPBD) issa huma allinjati ħażin mal-Mira Klimatika msaħħa tal-UE għall-2030 u mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika għall-2050. Għalhekk hemm riskju li l-politiki u l-miżuri ppjanati fl-ambitu tal-LTRSs x'aktarx li ma jaċċellerawx b'mod sinifikanti r-rata u l-profondità tar-rinnovazzjoni kif meħtieġ (jiġifieri l-irdoppjar tar-rata attwali, peress li l-istrateġija Mewġa ta' Rinnovazzjoni, ippubblikata f'Ottubru 2020, tistabbilixxi l-għan li jizdedu r-rati annwali ta' rinnovazzjoni fl-UE minn 1% għal 2% matul id-deċennju li jmiss, u li tingħata spinta lir-rinnovazzjonijiet profondi).
- Il-Kummissjoni Ewropea għandha timmonitorja mill-qrib jekk l-LTRSs jallinjawx mal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni u l-miri l-ġodda. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-LTRSs kollha tal-Istati Membri mhux biss f'konformità mat-test legali tal-Artikolu 2a tal-EPBD, iżda wkoll fid-dawl tal-allinjament mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 (jiġifieri oġġettiv ogħla ta' dekarbonizzazzjoni u enfasi aktar b'saħħitha fuq it-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija fis-settur tal-bini), u tiggwida lill-Istati Membri kif xieraq għall-aġġornament li jmiss tal-LTRS tagħhom li għandu jsir sa mhux aktar tard mill-2024.

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (2021/2077(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 194 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tal-UE<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar strateġija Ewropea għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar Strateġija Ewropea għall-Idroġenu<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija<sup>5</sup> (id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija – EPBD),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE<sup>6</sup> (id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi<sup>7</sup>, u r-rieżami ppjanat tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda<sup>8</sup> u l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tiżiżi tal-istandards imsemmija hawn fuq bi qbil mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (COM(2021)0556),

---

<sup>1</sup> ĠU C 385, 22.9.2021, p. 68.

<sup>2</sup> ĠU C 456, 10.11.2021, p. 145.

<sup>3</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0240.

<sup>4</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0241.

<sup>5</sup> ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

<sup>6</sup> ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

<sup>8</sup> ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 tat-8 ta' Mejju 2019 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1019 tas-7 ta' Ġunju 2019 dwar il-modernizzazzjoni tal-bini<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640) u r-risoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2020<sup>12</sup> dwaru,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva (COM(2020)0098),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja (COM(2020)0662),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur (COM(2020)0789),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2021 dwar Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli (COM(2021)0390),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2021 intitolat "L-analiżi preliminari tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul ta' 13-il Stat Membru" (SWD(2021)0069),
- wara li kkunsidra l-pakkett "leste għall-mira ta' 55%" ippubblikat reċentement,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0321/2021),

<sup>9</sup> ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

<sup>10</sup> ĠU L 127, 16.5.2019, p. 34.

<sup>11</sup> ĠU L 165, 21.6.2019, p. 70.

<sup>12</sup> ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

- A. billi l-bini huwa responsabbli għal 36% tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra (GHG) u billi s-settur tar-rinnovazzjoni tal-bini huwa wieħed mill-oqsma ewlenin għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u għall-ilħuq tal-objettivi tal-UE dwar in-newtralità klimatika, l-effiċjenza enerġetika u l-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- B. billi r-rinnovazzjonijiet profondi u r-rinnovazzjonijiet profondi fi stadji tal-210 miljun binja eżistenti se jkunu kruċjali għal kwalunkwe strateġija konvinċenti, peress li dawk huma l-binjiet l-aktar ineffiċjenti fl-użu tal-enerġija u sa 110 miljun binja potenzjalment fi bżonn ta' rinnovazzjoni<sup>13</sup>;
- C. billi 6% tal-unitajiet domestiċi tal-UE ma setgħux iħallsu l-kontijiet tal-utilità tagħhom fl-2019; billi l-effiċjenza enerġetika tal-bini jista' jkollha impatt pożittiv fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku;
- D. billi r-rata tar-rinnovazzjoni tal-bini bħalissa, ta' madwar 1% fis-sena, hija baxxa ħafna, filwaqt li r-rata tar-rinnovazzjonijiet profondi hija ta' 0.2% fis-sena; billi l-programmi ta' rinnovazzjoni mhux dejjem ikopru t-titjib fl-effiċjenza enerġetika u ż-żidiet fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;
- E. billi f'konformità mad-definizzjoni tal-Artikolu 2(18) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" huwa prinċipju gwida tal-politika tal-UE dwar l-enerġija biex id-domanda għall-enerġija u l-provvista tal-enerġija jsiru aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz ta' ffrankar tal-enerġija kosteffikaċi fl-użu finali, inizjattivi ta' rispons għad-domanda u l-konverżjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija;
- F. billi, skont valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni, fid-djar tal-UE, it-tisħin u l-miżun waħedhom jammontaw għal 79% tal-użu finali totali tal-enerġija (192.5 Mtoe)<sup>14</sup>;
- G. billi l-aħħar reviżjoni tal-EPBD fl-2018 permezz tad-Direttiva (UE) 2018/844<sup>15</sup> kellha l-għan li taċċellera r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti sal-2050 u li tappoġġja l-modernizzazzjoni tal-bini kollu b'teknoloġiji intelliġenti u b'rabta aktar ċara mal-mobbiltà nadifa, kif ukoll li tipprovdi ambjent stabbli għad-deċiżjonijiet dwar l-investiment u tippermetti lill-konsumaturi u lin-negozji jagħmlu għażliet aktar infurmati biex jiffrankaw l-enerġija u l-flus;
- H. billi mill-aħħar reviżjoni tal-EPBD 'l hawn, l-UE adottat l-objettiv li tikseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050;
- I. billi l-EPBD tobbliga lill-Istati Membri jadottaw strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul (LTRSs), iżda mingħajr ma tobbligahom jirrinovaw jew tagħtihom struzzjonijiet ta' kif dan għandhom jagħmluh, u ma tipprovdlhom l-ebda mezz ċar biex jivverifikaw l-istrateġiji tagħhom skont ir-riżultati;

<sup>13</sup> Id-Direttorat Ġenerali tal-Parlament Ewropew għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika u Xjentifika, *Boosting Building Renovation: What Potential and Value for Europe?* (Spinta l-rinnovazzjoni tal-Bini: X'inhu l-Potenzjal u l-Valur għall-Ewropa?), Ottubru 2016.

<sup>14</sup> Studju intitolat "Mapping and analyses of the current and future (2020-2030) heating/cooling fuel deployment (fossil/renewables)" (Immappjar u analiżijiet tal-użu attwali u futur (2020–2030) tal-fjuwil għat-tisħin/tkessiħ (fossili/enerġija rinnovabbli)), Marzu 2017.

<sup>15</sup> ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75.

- J. billi l-LTRSs għandhom jappoġġjaw b'mod adegwat ir-rendiment tal-akkomodazzjoni soċjali fl-użu tal-enerġija;
- K. billi l-miżuri tas-sistema ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini inklużi fl-EPBD riveduta għadhom ma għewx trasposti bis-siġħ fl-Istati Membri; billi l-implimentazzjoni toħloq aktar ċertezza għall-investituri u l-professjonisti;
- L. billi d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika tirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet komprensivi dwar it-tiżnin u t-tkessiġħ effiċjenti u rinnovabbli bil-ħsieb li jidentifikaw il-potenzjal għal soluzzjonijiet ta' tiżnin u tkessiġħ fis-settur tal-bini u li jipproponu politiki li jissarrfu fil-potenzjal ta' effiċjenza u ta' enerġija rinnovabbli;
- M. billi l-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha l-għan li tneħħi n-nuqqas ta' qbil bejn id-disinn u l-funzjoni, l-għajxien sostenibbli, l-użu intelliġenti tar-riżorsi, u s-soluzzjonijiet innovattivi u inklużivi;
- N. billi l-għoti ta' fondi u l-finanzjament adegwati huma kruċjali biex tiġi xprunata l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni; billi r-rinnovazzjoni hija qasam emblematiku għall-investiment u r-riforma fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
- O. billi l-vetturi elettriċi huma element importanti tat-tranżizzjoni tal-UE lejn enerġija nadifa bbażata fuq miżuri ta' effiċjenza enerġetika, enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u soluzzjonijiet innovattivi għall-ġestjoni tal-flessibbiltà tal-enerġija u sabiex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050;
- P. billi l-EPBD tikkomplementa d-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi billi tipprovdi bażi ġuridika għall-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali u f'bini mhux residenzjali; billi l-EPBD għandha rwol ewlieni fil-livell tal-UE biex tappoġġja l-irriċarġjar intelliġenti u privat, peress li l-biċċa l-kbira tal-irriċarġjar x'aktarx li jseħħ f'siti privati u f'siti mhux residenzjali aċċessibbli għall-pubbliku;
- Q. billi ċ-ċarġers privati tal-vetturi elettriċi spiss ikollhom applikazzjonijiet u rekwiżiti tekniċi differenti mill-punti tal-iċċarġjar pubbliċi, peress li huma fornuti b'inqas enerġija u jintużaw għal perjodi itwal ta' ċċarġjar, filwaqt li għadhom fil-biċċa l-kbira l-aktar tip affordabbli ta' metodu ta' ċċarġjar;
- R. billi jkun jeħtieġ li l-EPBD tirrifletti r-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-irriċarġjar għall-ispazji ta' parkeġġ tal-bini billi tobbliga l-installazzjoni ta' pre-cabling adegwat għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi; billi mill-2025, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiddefinixxu rekwiżit minimu ta' punti tal-irriċarġjar għall-bini mhux residenzjali kollu, kemm pubbliku kif ukoll privat, li jkun fih aktar minn 20 spazju ta' parkeġġ, skont il-kundizzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti;

### ***Osservazzjonijiet***

1. Jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2a tal-EPBD se jkollhom bżonn jissaħħu u jiġu implimentati b'mod effettiv biex jiġi żgurati li s-settur tal-bini jikkontribwixxi b'suċċess għall-kisba ta' tnaqqis fil-gassijiet serra ta' mill-inqas 55% sal-2030 u għall-mira tal-UE tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; jemmen li bħala konsegwenza l-oġettiv ewlieni u l-oġettivi intermedji u l-indikaturi tal-EPBD ukoll se

jkun jeħtiegħ li jiġu adattati, peress li l-LTRSs bħalissa mhumiex fil-livelli meħtieġa biex jinkisbu l-oġġettivi tal-EPBD;

2. Jisħaq li l-EPBD u l-LTRSs dettaljati għandhom ikunu forza li tixpruna ż-żieda fl-iskala, fil-veloċità, fil-profondità u fil-kwalità tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tal-Ewropa permezz ta' miżuri ta' politika innovattivi ġodda, kif issuġġerit fil-Mewġa ta' Rinnovazzjoni;
3. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi Stati Membri sottomettew l-LTRSs tagħhom tard u li hemm Stat wieħed li għadu lanqas biss issottometta l-LTRS tiegħu; jirrimarka li, konsegwentement, huwa diffiċli li jitqabblu l-pjanijiet tal-Istati Membri; jenfasizza l-fatt pożittiv li s-sottomissjonijiet li daħlu tard irnexxielhom jinkludu rabtiet mal-pjanijiet ta' rkupru nazzjonali adottati b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19 u l-aħħar inizjattivi ta' politika tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni; jinnota, madankollu, li dan ħoloq disparitajiet bejn daww l-Istati Membri li sottomettew l-LTRSs tagħhom qabel il-pjanijiet tagħhom ta' rkupru mill-pandemija;
4. Ifakkar kemm hu importanti li riżorsi finanzjarji adegwati jsiru disponibbli permezz ta' Next Generation EU fil-qasam tar-rinnovazzjoni u tar-rendiment u l-effiċjenza tal-bini fl-użu tal-enerġija; jemmen li l-irbit tar-rinnovazzjoni tal-bini mal-fondi ta' rkupru jipprovdi opportunità ekonomika u mezz biex l-Istati Membri jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra;
5. Jinnota li l-LTRSs sottomessi ġeneralment irrispettaw b'mod wiesa' r-rekwiżiti tal-Artikolu 2a tal-EPBD, billi pprovdew informazzjoni dwar il-kategoriji differenti stipulati fiha; jiddispjaċih, madankollu, għall-fatt li l-livell ta' dettall u ambizzjoni jvarja minn LTRS għal oħra; jiddispjaċih għall-fatt li diversi Stati Membri ma stabbilixxewx oġġettivi intermedji ċari għall-2030, l-2040 u l-2050 kif rikjest fl-Artikolu 2a; jiddispjaċih, barra minn hekk, għall-fatt li mhux l-LTRS kollha jipprovdu data dwar it-tnaqqis tal-gassijiet serra, u dan jagħmilha diffiċli li tiġi vvalutata l-ambizzjoni tal-istrateġiji f'dik li hi mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jemmen li l-LTRSs għandhom jaħdmu biex joħolqu miżuri ċari u għodod ta' monitoraġġ biex ir-rata annwali ta' rinnovazzjoni tittrippla, filwaqt li jitqiesu l-punti ta' tluq differenti u l-istokkijiet tal-bini madwar l-Istati Membri;
6. Jirrimarka li l-Istati Membri ffukaw b'mod wiesa' fuq id-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-enerġija u fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, minflok fuq l-iżvilupp attiv ta' miżuri u politiki ddedikati, immirati lejn it-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" biex b'hekk inaqqsu l-konsum ġenerali tal-enerġija fis-settur bħala parti minn approċċ għall-enerġija bbażat fuq sistemi integrati; jenfasizza li l-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli għandhom jiġu massimizzati tul il-katina tal-valur tal-enerġija kollha, inklużi l-elettriku, is-sħana u l-gass, u mhux għall-binjiet individwali biss;
7. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib jekk l-oġġettivi tal-LTRSs humiex allinjati mal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, il-valutazzjonijiet komprensivi tat-tisħin u t-tkessiħ meħtieġa skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli<sup>16</sup>, u l-miri l-ġodda b'rabta mal-klima u l-enerġija għal kull Stat

---

<sup>16</sup> ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

Membri skont l-istokk tal-bini tagħhom;

8. Jistieden lill-Istati Membri jrawmu rinnovazzjoni li tiffavorixxi l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija fil-bini, bħall-installazzjoni ta' infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi, il-ħżin termali u l-konnessjoni mal-grilji intelliġenti; ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki;
9. Jemmen li l-involviment taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni ekoloġika u fir-rinnovazzjonijiet tal-bini huwa essenzjali għas-suċċess tagħhom; jenfasizza li l-involviment tal-esperti u l-isfruttar tal-għarfien espert pubbliku jistgħu jgħinu biex tittejjeb l-implimentazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu trasparenza suffiċjenti matul il-proċess kollu ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-LTRSs u jiżguraw li l-proċess ikun inklużiv billi jiffaċilitaw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-EPBD;
10. Jiddispjaċih għall-fatt li l-UE ma laħqitx il-mira tal-effiċjenza enerġetika tagħha fl-2020; jenfasizza li hemm diskrepanza ta' ambizzjoni kollettiva f'dawk li huma kontributi nazzjonali skont il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika fl-2030 u li l-Istati Membri għalhekk se jkollhom bżonn iżidu l-isforzi tagħhom b'mod sinifikanti;
11. Jinnota li l-kostruzzjoni hija attività kumplessa li tirrikjedi koordinazzjoni mill-qrib bejn għadd kbir ta' professjonisti u artiġjani u tiddependi fuq l-użu ta' firxa wiesgħa ta' tekniki u materjali tal-kostruzzjoni; jemmen li r-rieżami tal-EPBD jehtiegħ li jqis l-interazzjoni ma' politiki ta' kostruzzjoni sostenibbli oħra u n-newtralità materjali sabiex il-binjiet Ewropej jiġu dekarbonizzati b'mod effiċjenti;
12. Jenfasizza l-importanza tas-sostenibbiltà fl-użu tal-materjali u fil-konsum tar-riżorsi ta' ċiklu tal-ħajja ta' binja, mill-estrazzjoni tal-materjali, il-kostruzzjoni u l-użu, sa tmiem l-użu u d-demolizzjoni kif ukoll ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, inklużi l-materjali rinnovabbli u sostenibbli bbażati fuq in-natura; jenfasizza, barra minn hekk, li l-ippjanar tal-bini għandu jutilizza l-ekonomija ċirkolari matul l-istadji differenti tal-proċess ta' kostruzzjoni;
13. Jappoġġja l-użu ta' materjali tal-kostruzzjoni sostenibbli, innovattivi u mhux tossiċi u jenfasizza l-importanza tat-tishiġ taċ-ċirkolarità tal-materjali tal-bini permezz tal-implimentazzjoni jew il-ħolqien ta' sistema ta' tikkettar tal-ekonomija ċirkolari bbażata fuq standards ambjentali u kriterji speċifiċi għall-ċerti materjali; jinnota li hija meħtieġa riċerka ulterjuri dwar materjali sostenibbli u proċessi sostenibbli; jenfasizza li l-materjali bbażati fuq l-injam jista' jkollhom rwol fis-sostituzzjoni ta' alternattivi bbażati fuq fjuwils fossili fil-kostruzzjoni tal-bini u jenfasizza l-potenzjal tagħhom ta' ħżin tal-karbonju fit-tul;
14. Jirrikonoxxi li filwaqt li r-rinnovazzjonijiet profondi għandhom il-vantaġġ li jwasslu għal bidla olistika fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, ir-rinnovazzjonijiet fi stadji u r-rinnovazzjonijiet profondi f'diversi stadji jistgħu jagħtu lok għal miżuri ta' rinnovazzjoni inqas ta' tfixkil u aktar kosteffiċjenti billi jiġu allinjati ma' "punti ta' skattar" partikolari; jinnota li tali okkażjonijiet jitqanqlu minn opportunitajiet Prattiċi, ċirkostanzi personali, bidla fis-sjieda, jew minn bidla tal-inkwilin fil-proprjetajiet tal-kiri; ihegġegħ lill-Istati Membri jikkunsidraw kif jużaw il-"punti ta' skattar" biex

jincattivaw ir-rinnovazzjonijiet; jinnota wkoll li r-rinnovazzjonijiet fi stadju wieħed u f'diversi stadji mhumiex f'kompetizzjoni ma' xulxin, iżda huma t-tnejn soluzzjonijiet xierqa skont is-sitwazzjoni partikolari; jemmen li r-rinnovazzjonijiet f'diversi stadji u r-rinnovazzjonijiet profondi f'diversi stadji jeħtieġ li jitwettqu f'konformità mal-istandards tar-rinnovazzjoni profonda sabiex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament billi jiġi żgurati pjan direzzjonali għar-rinnovazzjoni tal-bini;

15. Jinnota li d-definizzjoni attwali ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero fl-EPBD hija ta' natura kwalitattiva u tħalli marġni wiesa' ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri fl-istabbiliment tal-istandards korrispondenti; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi standard ta' "rinnovazzjoni profonda" għall-kisba ta' ffrankar enerġetiku u tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll definizzjoni armonizzata ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero;
16. Jemmen li r-rinnovazzjonijiet u l-istandards għal binjiet ġodda għandhom jindirizzaw is-sikurezza kontra n-nirien u r-riskji relatati ma' attività sismika intensa, li jaffettwaw l-effiċjenza enerġetika u t-tul tal-ħajja tal-binjiet, u għandhom jinkorporaw standards għoljin dwar is-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw reġim ta' spezzjoni elettrika, fid-dawl tal-fatt li 30% tan-nirien domestiċi u 50% tan-nirien aċċidentali domestiċi għandhom sors elettriku<sup>17</sup>; jemmen li r-rinnovazzjonijiet tal-istokk tal-bini Ewropew għandhom jintegraw il-kontrolli u l-aġġornamenti tas-sikurezza elettrika u jiżguraw ventilazzjoni suffiċjenti għad-duħħan f'każ ta' nirien; jissottolinja li l-LTRSs għandhom jikkontribwixxu wkoll għat-tiżbiġ statiku u strutturali tal-istokkijiet tal-bini;
17. Itenni l-ħtieġa li titqies il-preżenza ta' prodotti li fihom l-asbestos fil-binjiet u li dawn il-prodotti jitneħħew filwaqt li l-binjiet jiġu protetti mill-emissjoni tal-asbestos fl-ambjent meta dawn jiġu mtejba għal skopijiet ta' effiċjenza enerġetika<sup>18</sup>;
18. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li għalkemm l-iskadenza għat-traspożizzjoni tal-EPBD kienet l-10 ta' Marzu 2020, xi Stati Membri għadhom ma implimentawx bis-sħiħ din il-leġiżlazzjoni;
19. Ifakkar fl-importanza li jiġu stabbiliti inċentivi adegwati għar-rinnovazzjoni tal-binjiet kif ukoll miżuri finanzjarji kondizzjonali fuq it-titjib fl-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar enerġetiku, skont l-Artikolu 10(6) tal-EPDB u sabiex tiġi żgurata l-affordabbiltà tar-rinnovazzjonijiet;
20. Jenfasizza l-importanza ta' informazzjoni ċara u preċiża dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-kostijiet tal-enerġija għax-xerrejja prospettivi u l-inkwilini prospettivi; jirrikonoxxi l-ħtieġa tat-titjib u l-armonizzazzjoni aħjar taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs) madwar l-Istati Membri sabiex ikunu aktar faċli biex jitqabblu, ta' kwalità aħjar u aktar affidabbli, filwaqt li jitqiesu wkoll il-punti ta' tluq differenti u l-istokkijiet tal-bini madwar l-Istati Membri; jemmen, għalhekk, li l-EPCs għandhom isiru aktar faċli biex jiġu aċċessati u jinqraw, għandhom juru informazzjoni Prattika dwar ir-rendiment reali tal-bini fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari dwar l-impronta

---

<sup>17</sup> FEEDS (Forum għas-Sikurezza Elettrika Domestika fl-Ewropa), "In the news: the European Parliament calls on Member States to develop an electrical inspection regime" (Attwalità: Il-Parlament Ewropew jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw reġim ta' spezzjoni elettrika).

<sup>18</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos, Testi adottati, P9\_TA(2021)0427.



tal-karbonju reali ta' bini, għandhom jiġu diġitalizzati, u għandhom jintegraw informazzjoni mis-suq lokali fil-livell tal-UE u informazzjoni rigward parametri tal-kwalità ambjentali ta' ġewwa bħalma hi l-kumdità termali; jenfasizza li għalhekk l-EPCs jistgħu jintużaw għal servizzi fakultattivi ta' rispons għad-domanda bħala referenza għal miżuri regolatorji, programmi ta' finanzjament u politiki ta' rinnovazzjoni integrati;

21. Jenfasizza d-differenza bejn ir-rendiment reali fl-użu tal-enerġija u r-rendiment ikkalkulat permezz tal-EPCs, li hija sors ta' konfużjoni għall-utenti tal-EPC; jenfasizza l-hteġa li l-passaport tar-rinnovazzjoni tal-bini, il-ġurnal diġitali tal-bini u l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza (SRI) jiġu integrati fil-qafas tal-EPC biex tiġi evitata l-multiplikazzjoni tal-għodod u jkun hemm aktar ċarezza għall-konsumaturi; jemmen li dan se jiffaċilita r-rinnovazzjoni, iżid il-profondità tagħha, jiżgura l-koordinazzjoni bejn il-miżuri differenti matul iż-żmien, u jwassal għal benefiċċji multipli;
22. Ifakkar li l-LTRSs għandhom jinkludu l-benefiċċji tar-rinnovazzjonijiet fuq livell usa' bħas-saħħa, is-sikurezza, il-kumdità termali u l-kwalità tal-arja ta' ġewwa; jinnota li skont studju tal-Kummissjoni<sup>19</sup>, is-saħħa kienet l-inċentiv primarju tas-sidien tad-djar privati biex iwettqu r-rinnovazzjonijiet enerġetiċi, b'rabta ċara bejn il-kwalità tad-dar, il-faqar enerġetiku u s-saħħa; jemmen li l-kwalità tal-arja ta' ġewwa għandha tiġi inkluża meta l-Istati Membri jipromwovu r-rinnovazzjoni tal-bini permezz ta' skemi ta' inċentivi pubbliċi u kampanji ta' informazzjoni, fost inizjattivi oħrajn; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu l-ġbir tad-data dwar il-parametri tal-kwalità ambjentali ta' ġewwa, bil-ħsieb li jiżviluppaw standards minimi għall-kwalità tal-ambjent ta' ġewwa;
23. Jenfasizza li għanijiet ambizzjużi ta' rinnovazzjoni profonda u rinnovazzjoni profonda fi stadji tal-istokk tal-bini eżistenti jistgħu joħolqu sa żewġ miljun impjieġ<sup>20</sup>, il-biċċa l-kbira lokali, karigi li ma jistgħux jiġu esternalizzati, speċjalment f'intrapriżi żgħar u medji, u jipprovdu enerġija nadifa u affordabbli lill-konsumaturi u joħolqu titjib fil-kondizzjonijiet tal-għajxien tal-okkupanti;
24. Ifakkar li l-binijiet pubbliċi jeħtiġilhom imexxu bl-eżempju fir-rati tar-rinnovazzjoni u fil-kisba tad-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika u l-kosteffettività, biex b'hekk jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni u jirbħu l-aċċettazzjoni tal-pubbliku ġenerali;
25. Itenni t-talba tiegħu għall-promozzjoni ta' inizjattiva tal-UE dwar il-ħiliet, inklużi aspetti biex titħeġġeġ l-inklużività tal-ġeneri, flimkien ma' sforzi nazzjonali sabiex intermedjarji bħalma huma l-installaturi, l-arkitetti jew il-kuntratturi jkunu jistgħu jagħtu pariri, jippreskrivu jew jinstallaw is-soluzzjonijiet meħtieġa, inklużi soluzzjonijiet diġitali, biex jitwettqu programmi tal-effiċjenza enerġetika u jkun hemm stokk tal-bini dekarbonizzati, u filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet tal-atturi kollha involuti fis-settur tal-kostruzzjoni; iqis li l-Istati Membri jeħtieġ li jipprovdu rabta ċara bejn l-LTRSs nazzjonali tagħhom u inizjattivi adegwati biex jipromwovu l-ħiliet u l-edukazzjoni fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-effiċjenza enerġetika;

---

<sup>19</sup> *Comprehensive study of building energy renovation activities and the uptake of nearly zero-energy buildings in the EU* (Studju komprensiv tal-attivitajiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini u l-adozzjoni ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero fl-UE), Novembru 2019.

<sup>20</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 intitolata "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Thejjiġa għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020)0456).

26. Jemmen li l-prinċipji ta' kosteffiċjenza u ta' newtralità tal-kostijiet li permezz tagħhom iż-żidiet fil-kera jkunu bbilanċjati mal-iffrankar enerġetiku se jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija għall-konsumaturi finali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu b'mod sistematiku fl-LTRSs tagħhom politiki u azzjonijiet biex jindirizzaw b'determinazzjoni l-faqar enerġetiku u l-binjiet bl-aġġar rendiment fl-istokkijiet tal-bini nazzjonali tagħhom u biex jiġġieldu lid-distorsjonijiet tas-suq u l-akkwiżizzjonijiet spekulattivi li jwasslu għal kirjiet oġhla, u li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-inkwilini bi dħul baxx; ifakkar li l-piż imqiegħed fuq il-konsumaturi l-aktar vulnerabbli mill-varjabbiltà fis-swieq tal-enerġija jista' jtnaqqas b'mod sinifikanti billi tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-binjiet; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati appoġġ finanzjarju u mekkaniżmi flessibbli għal dawn il-konsumaturi sabiex ikun jista' jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku; jinnota, madankollu, li għandhom jiġu kkunsidrati inċentivi biex jtnaqqsu l-kostijiet tar-rinnovazzjoni għal setturi u gruppi fil-mira speċifiċi;
27. Jenfasizza li l-EPBD għandha tiżgura li r-rinnovazzjoni tagħti redditu fuq l-investment għas-sidien tad-djar u s-sidien tal-bini billi tistabbilixxi titjib reali u mkejjel fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija; jissottolinja li approċċ ibbażat fuq l-enerġija ffrankata mkejla b'riżultat tar-rinnovazzjoni se jnaqqas il-kost u jżid il-profondità, il-kwalità u l-iskala tal-modifiki retroattivi tal-effiċjenza enerġetika għall-binjiet eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tivverifika jekk hijiex meħtieġa reviżjoni tal-livell kostottimali, kif definit fl-Artikolu 2(14), bħala parti mir-rieżami tal-EPBD;
28. Jilqa' s-suċċess relattiv tal-one-stop shops u jenfasizza r-rwol kritiku li jista' jkollhom fil-konnessjoni ta' proġetti potenzjali ma' atturi tas-suq, inklużi ċittadini, awtoritajiet pubbliċi u żviluppaturi ta' proġetti, b'mod partikolari proġetti fuq skala iżgħar; jinnota li għad ma hemmx fehim komuni dwar x'inhu one-stop shop, peress li l-mudelli eżistenti madwar l-UE huma differenti f'dawk li huma struttura, ġestjoni u t-tip ta' assistenza pprovduta; ifakkar fl-importanza li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-one-stop shops, inkluż fil-livelli lokali u reġjonali; jenfasizza li l-one-stop shops jista' jkollhom rwol konsiderevoli fl-indirizzar tal-kwistjoni tal-proċeduri twal u kkumplikati għall-għoti tal-permessi u fil-promozzjoni tal-aċċess għall-finanzjament għar-rinnovazzjoni tal-bini, u jikkontribwixxu għat-tixrid tal-informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet; jemmen li l-one-stop shops għandhom jagħtu pariri u jappoġġjaw kemm id-djar b'familja waħda kif ukoll il-binjiet b'aktar minn unità waħda u jipprovdu appoġġ għal installaturi akkreditati;
29. Ifakkar li l-Artikolu 19 tal-EPBD jistabbilixxi klawżola ta' rieżami, inkluża evalwazzjoni *ex post* li għandha titwettaq sa mhux aktar tard mill-2026; jenfasizza li dan għandu jippermetti li jinsiltu tagħlimiet mill-implimentazzjoni tal-EPBD u jservi biex jiġi vvalutat il-progress li jkun sar fl-applikazzjoni tagħha madwar l-Unjoni;

### **Rakkomandazzjonijiet**

30. Jenfasizza li l-EPBD hija kruċjali għat-twettiq b'suċċess tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni u t-tnaqqis tal-emissjonijiet;
31. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva fl-aspetti kollha tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja din l-implimentazzjoni u tiegħu azzjoni, fejn meħtieġ, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;

32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa id-dispożizzjonijiet attwali tal-EPBD biex tiżgura li l-LTRSs tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-għanijiet ta' newtralità klimatika u l-miri tal-enerġija tal-UE; jenfasizza li r-rinnovazzjonijiet tal-bini jeħtieġ li jitwettqu b'rata ta' 3% fis-sena għall-modifiki retroattivi profondi u fi stadji sabiex l-UE tikseb newtralità klimatika sal-2050;
33. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-formulazzjoni ta' mudell standard li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jiżguraw li jindirizzaw ir-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 2a tal-EPBD u jarmonizzaw l-oġettivi u r-rekwiżiti biex jiżguraw komparabbiltà aħjar tal-progress u r-riżultati, u valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, jew kwalunkwe finanzjament ieħor tal-UE, li fir-rigward tiegħu LTRS kompluta tkun kundizzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq network *ad hoc* ta' esperti biex jappoġġja lill-Istati Membri fil-proċessi ta' tfassil, monitoraġġ u implimentazzjoni tal-LTRSs tagħhom;
34. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif tista' tiffaċilita aktar l-iżvilupp tal-one-stop shops li jipprovdu servizzi ta' konsulenza liċ-ċittadini u lil partijiet ikkonċernati oħra, inkluż permezz ta' miżuri aktar stretti fl-EPBD; jinsab konvint li miżuri addizzjonali ta' gwida u appoġġ, b'mod partikolari assistenza teknika, kampanji ta' informazzjoni, taħriġ u finanzjament ta' proġetti, jistgħu jwasslu għal rata oġhla ta' rinnovazzjoni;
35. Iqis li d-diġitalizzazzjoni tal-binjiet u tat-teknoloġiji tal-kostruzzjoni, fejn fattibbli, jista' jkollha rwol importanti fiż-żieda tal-effiċjenza enerġetika; jemmen li r-reviżjoni tal-EPBD għandha sservi għall-promozzjoni ulterjuri ta' teknoloġiji tal-bini intelliġenti u flessibbli f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u trawwem approċċ iċċentrat fuq id-data; jinkoraġġixxi l-użu u l-installazzjoni ta' teknoloġiji emerġenti bħal miters intelliġenti, iċċarġjar intelliġenti, apparat tat-tisħin intelliġenti, teknoloġiji għall-ħżin u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija li jkunu interoperabbli mal-grilja tal-enerġija, l-immudellar u s-simulazzjoni 3D u l-intelliġenza artifiċjali sabiex jiġi xprunat it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini, mill-fażijiet tal-ippjanar u d-disinn u mbagħad ikompli waqt il-kostruzzjoni, l-operazzjonijiet u l-modifika retroattiva;
36. Jenfasizza li data aġġornata, affidabbli u kompluta dwar ir-rendiment tal-istokk tal-bini Ewropew kollu hija kruċjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi mmirati lejn it-tiġib tal-effiċjenza enerġetika tas-settur; jinnota li t-teknoloġiji diġitali għandhom jintużaw ukoll biex jappoġġjaw l-immappjar tal-istokk eżistenti u jappoġġjaw l-użu tal-LTRS;
37. Jemmen li għandu jiġi implimentat approċċ iċċentrat fuq id-data biex tiġi żgurata disponibbiltà usa' ta' data aggregata u anonimizzata għas-sidien tad-djar, l-inkwilini u l-partijiet terzi, li jistgħu jużawha biex jottimizzaw il-konsum tal-enerġija, inkluż permezz ta' skemi ta' kunsens siguri mil-lat tal-GDPR, kif ukoll għal finijiet ta' statistika u riċerka;
38. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni effettiva, ambizzjuża u konsistenti tal-iskema tal-SRI approvata madwar l-UE; jirrimarka li l-SRI għandu jservi biex jinkisbu l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija billi jappoġġja l-adozzjoni ta' binjiet intelliġenti u flessibbli; jirrikonoxxi li l-SRI se jgħin biex ikompli jitħeġġu d-disinn u l-kostruzzjoni ta' bini ġdid bħala bini b'enerġija zero;

39. Jemmen li l-LTRSs għandhom jipprovdu aktar dettalji għall-azzjoni fit-tul u għall-ippjanar infrastrutturali integrat abbażi ta' pjan direzzjonali b'politiki konkreti u skeda ta' żmien b'objettivi intermedji ċari għall-2030, l-2040 u l-2050, sabiex jinħoloq ambjent aktar stabbli għall-investituri, l-iżviluppaturi, is-sidien tad-djar u l-inkwilini u jiġi indirizzat l-impatt taċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-bini; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtiġilhom itejbu l-aċċess għal firxa ta' mekkaniżmi finanzjarji u fiskali biex jappoġġjaw il-mobilizzazzjoni tal-investimenti privati u jrawmu s-sħubijiet pubbliċi u privati; jitlob azzjoni biex jiġi promoss self li jistabbilixxi l-effiċjenza enerġetika bħala kriterju għal rati tal-imgħax aktar baxxi;
40. Jenfasizza li l-EPBD għandha tiżgura li r-rinnovazzjoni ġġib valur għall-flus u redditu fuq l-investment għas-sidien tad-djar u għas-sidien tal-bini, kontinwament tal-enerġija mnaqqsa u sostenibbiltà mtejba billi tistabbilixxi titjib reali u mkejjel fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija; jissottolinja li approċċ ibbażat fuq l-enerġija ffrankata realment b'riżultat tar-rinnovazzjoni se jnaqqas il-kost u jżid kemm il-kwalità kif ukoll l-iskala tal-modifiki retroattivi tal-effiċjenza enerġetika għar-rinnovazzjonijiet tal-bini;
41. Jenfasizza l-potenzjal tal-infrastruttura ħadra, bħas-soqfa u l-ħitan hodur, fit-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u l-promozzjoni tal-adattament u l-mitigazzjoni tal-klima u l-bijodiversità, b'mod partikolari fiż-żoni urbani;
42. Jistieden lill-Istati Membri jużaw l-LTRSs biex jimplementaw politiki innovattivi ħalli jinvolvu b'mod attiv liċ-ċittadini fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tagħhom u fil-programmi tal-effiċjenza enerġetika; jenfasizza l-importanza li jiġu involuti u mobilizzati l-partijiet ikkonċernati, inklużi ċ-ċittadini, il-muniċipalitajiet lokali, l-assoċjazzjonijiet tad-djar u l-professjonisti tal-bini, fil-ħolqien tal-pjanijiet integrati u l-istrateġiji ta' implimentazzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-bini;
43. Jirrikonoxxi d-dinamika differenti tal-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni għal tipi differenti ta' binjiet (pubbliċi u privati, mhux residenzjali u residenzjali) fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi qafas biex tintroduċi standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, b'kont meħud tal-istokkijiet tal-bini u l-punti ta' tluq differenti madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari l-binjiet ta' mertu arkitettoniku jew storiku speċjali, biex jiġu aċċellerati r-rati tar-rinnovazzjoni u tiġi pprovduta viżibbiltà għall-katina tal-valur kollha dwar it-titjib mistenni u biex tiġi stimolata l-innovazzjoni, filwaqt li tiġi żgurata l-affordabbiltà, b'mod partikolari għal dawk bi dħul baxx u f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;
44. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw qafas inkorporat u integrat li jinkludi finanzjament u assistenza teknika rilevanti għall-introduzzjoni gradwali ta' standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, li fl-aħħar mill-aħħar se jiżgura l-ilħiq tal-objettivi intermedji tal-2030, l-2040 u l-2050 deskritti fl-LTRSs tagħhom; jissottolinja li tali standards minimi jgħinu biex titwitta t-triq għan-newtralità klimatika fis-settur tal-bini sa mhux aktar tard mill-2050, u jistgħu jiprovdu viżibbiltà u sigurtà għas-suq fir-rigward tat-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti; jirrikonoxxi li l-Istati Membri għandhom il-flessibbiltà li jfasslu l-miżuri meħtieġa biex jakkomodaw kundizzjonijiet ekonomiċi, klimatiċi, politiċi, soċjali u ta' kostruzzjoni differenti; iqis li għandhom jiġu pprovduti inċentivi u strumenti finanzjarji speċifiċi għall-binjiet b'restrizzjonijiet tekniċi, arkitettoniċi, relatati mal-patrimonju u storiċi li ma jistgħux jiġu rinnovati b'kost raġonevoli meta mqabbel mal-valur tal-proprjetà;

45. Jistieden lill-Kummissjoni torbot l-LTRSs mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar l-Efficijenza Enerġetika u tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli dwar it-tisħin u t-tkessiġ distrettwali effiċjenti u dwar il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-bini, bħall-enerġija solari, termali u ġeotermali, kif ukoll rwol akbar għall-awtokonsum u l-ħżin tal-enerġija b'rispons għas-sinjali ta' grilja jew ta' grilja żgħira, filwaqt li tirrikonoxxi li l-fjuwils fossili, speċjalment il-gass naturali, bħalissa qed jintużaw fis-sistemi tat-tisħin għall-bini; jinnota li l-konsumaturi jeħtieġu appoġġ biex jaqilbu mill-fjuwils fossili;
46. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14 u 15(4) tal-EPBD, filwaqt li jipprovdu liċ-ċittadini u lill-professjonisti dettalji ċari dwar kif il-bini, l-awtomatizzazzjoni u s-sistema ta' kontroll jistgħu jgħolqu l-kapaċitajiet obbligatorji malajr kemm jista' jkun, sabiex jiġi żgurat li l-azzjoni preparatorja kollha tittieħed mingħajr dewmien u qabel l-iskadenza tal-2025; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-użu ta' għodod jew listi ta' kontroll żviluppatti minn esperti u professjonisti fit-traspożizzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet;
47. Jistieden lill-Istati Membri jimmiraw għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiġ fil-bini, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, u jikkunsidraw skemi ta' inċentivi, b'enfasi fuq il-konsumaturi l-aktar vulnerabbli, biex jissostitwixxu s-sistemi tat-tisħin antiki, ibbażati fuq il-fjuwils fossili u ineffiċjenti fil-bini, inkluż bl-introduzzjoni ta' miri ta' sostituzzjoni f'konformità mal-LTRSs;
48. Ifakkar fit-talba tiegħu biex fir-reviżjoni li jmiss tiġi evalwata l-ħtieġa li jiżdiedu r-rekwiżiti tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fl-EPBD, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-grilja, pereżempju billi jiġu stabbiliti funzjonalitajiet tal-iċċarġjar intelliġenti, u li titrawwem mobbiltà sostenibbli, kif ukoll li jiġi inkluż approċċ integrat, sistematiku u ċirkolari kemm għall-iżviluppi urbani kif ukoll għal dawk rurali, bi qbil ma' ppjanar urban u rotot ta' trasport xierqa;
49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw kif l-aħjar jaħsdu l-benefiċċji ta' approċċ ibbażat fuq id-distrett għar-rinnovazzjonijiet fuq skala kbira flimkien mal-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet lokali;
50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-punti tal-iċċarġjar fil-bini jkun l-estremi għall-iċċarġjar intelliġenti u jallinjaw ir-rekwiżiti mad-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw qafas li jgħin biex tiġi ssimplifikata u aċċellerata l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar f'bini residenzjali u mhux residenzjali ġdid u eżistenti, biex jiġu indirizzati l-ostakli regolatorji possibbli, u biex jiġu promossi modi xierqa biex jiġi żgurat aċċess u ħżin faċli għar-roti fid-disinn tal-bini;
51. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni tal-importanza tal-elettromobbiltà bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi għall-parkeġġi akbar minn ċertu daqs u ta' rekwiżiti minimi oħra għall-infrastruttura għal binjiet iżgħar; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' din l-infrastruttura tal-irriċarġjar għandha tiġi appoġġjata aktar;
52. Jenfasizza r-rwol importanti li r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti u d-disinn ta' bini ġdid jista' jkollhom fl-inkoraġġiment tal-adozzjoni ta' vetturi elettriċi bħall-karozzi, il-vannijiet, ir-roti u l-muturi billi jiġu pprovduti kemm spazji ta' parkeġġ adegwati kif ukoll infrastruttura tal-iċċarġjar, u b'hekk jingħata kontribut lid-dekarbonizzazzjoni

ġenerali tas-settur tat-trasport; jinnota li b'dan l-intervent, il-bini jista' jsir aħjar għas-saħħa, aktar ekoloġiku u interkonness fi ħdan distrett ta' kwartier, kif ukoll aktar reżiljenti għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mobbiltà tal-EPBD billi tintroduċi rekwiżiti minimi, fejn fattibbli, f'tipi differenti ta' bini għall-infrastruttura tal-parkeġġ tar-roti u punti tal-irriċarġjar għar-roti elettriċi;

53. Jilqa' r-rikonoxximent tal-importanza tar-rekwiżiti tal-infrastruttura tal-pre-cabling f'bini residenzjali u mhux residenzjali ġdid bħala waħda mill-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni rapida tal-punti tal-irriċarġjar; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-inklużjoni ta' rekwiżiti bħal dawn fl-oqfsa ta' politika nazzjonali;
54. Jenfasizza li d-disponibbiltà tal-punti tal-iċċarġjar hija wieħed mill-inċentivi biex inkwilini jew sidien ta' djar privati jagħżlu soluzzjoni ta' elettromobbiltà; jinnota, madankollu, li l-EPBD bħalissa tistabbilixxi biss ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tal-kanali għal bini residenzjali ġdid u bini residenzjali li qed jiġi rinnovat b'mod estensiv b'aktar minn 10 spazji ta' parkeġġ; jirrimarka li d-Direttiva tipprevedi l-esklużjoni fakultattiva jekk il-kost tal-installazzjonijiet tal-irriċarġjar u tal-kanali taqbeż is-7% tal-kost totali tar-rinnovazzjoni ġenerali tal-bini; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, twettaq analiżi tal-kostijiet biex teżamina modi possibbli kif thegġegħ lill-iżviluppaturi jinstallaw l-infrastruttura adegwata għall-utenti tal-vetturi elettriċi;
55. Ifakkar li l-Istati Membri jeħtiġilhom jistipulaw ir-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' għadd ta' punti tal-irriċarġjar għall-bini kollu mhux residenzjali b'aktar minn 20 spazju ta' parkeġġ, sal-1 ta' Jannar 2025; jinnota f'dan ir-rigward l-importanza li jiġu identifikati nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-EPBD, li r-rieżami tagħha għandu jinkorpora dispożizzjonijiet biex ikomplu jħeġġu u jiffaċilitaw l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar privata u pubblika f'bini residenzjali u mhux residenzjali;
56. Jenfasizza li s-soluzzjonijiet ta' elettromobbiltà jridu jkunu faċilment aċċessibbli għall-persuni kollha; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' rinnovazzjoni tal-bini, inklużi l-parkeġġi, biex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jenfasizza l-ħtieġa, barra minn hekk, li jinżamm spazju tal-ħżin għall-apparat tal-mobbiltà fil-bini rinnovat u fil-bini ġdid, inkluż għal siġġijiet tar-roti u pushchairs;
57. Jilqa' r-rikonoxximent tal-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw u jħaffu l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar billi jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti bħall-inċentivi opposti u l-piżijiet amministrattivi; jirrimarka madankollu li għadhom jeżistu ostakli amministrattivi fil-livell nazzjonali u lokali, fir-rigward tal-ippjanar infrastrutturali u l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-infrastruttura tal-irriċarġjar, li qed ixekklu l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar f'bini residenzjali u mhux residenzjali ġdid u eżistenti; jenfasizza li huma meħtieġa aktar sforzi biex jitneħħew dawn l-ostakli amministrattivi ċari;
58. Jissottolinja l-kunċett li l-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi f'bini residenzjali u mhux residenzjali jeħtieġ li jikkomplementa infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku biex tiġi żgurata l-kapaċità tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-investment fl-elettromobbiltà u li tiġi installata infrastruttura tal-iċċarġjar li tkun tista' twettaq iċċarġjar intelliġenti, li jista' jiffaċilita t-trasferiment tat-tagħbija fl-eqqel ħinijiet u r-rispons għad-domanda, u b'hekk jinħolqu grilji tal-elettriku orħos u

aktar effiċjenti li jeħtieġu inqas kapaċità ta' ġenerazzjoni u infrastruttura;

59. Jemmen li l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar intelliġenti pubblika, semipubblika u privata għadha prekundizzjoni essenzjali biex tingħata spinta lill-adozzjoni ta' vetturi elettriċi fis-suq; jitlob, għalhekk, li jiżdied l-investiment fil-bini u l-mobbiltà, li tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-użu ta' għodod diġitali għall-elettromobbiltà;
60. Jirrimarka li l-liġijiet rilevanti tal-UE għandhom jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, flimkien mar-rinnovazzjonijiet, il-bini għdid u l-installazzjonijiet għodda; jenfasizza l-importanza tal-investiment fl-istazzjonijiet pubbliċi tal-iċċarġjar tul il-kuritur tan-network ewlieni u fin-network komprensiv, iżda jenfasizza li dawn jistgħu jkunu biss b'żieda man-numru ħafna akbar ta' punti tal-iċċarġjar li se jkunu meħtieġa fiż-żoni urbani; jirrimarka li l-aktar mod kosteffikaċi u prattiku kif titħaffef il-bidla għall-enerġija elettrika tal-flotot tal-vetturi huwa li l-punti tal-iċċarġjar ikunu disponibbli qrib id-djar u l-postijiet tax-xogħol, fejn dawn iservu bħala żieda fundamentali mal-infrastruttura tal-iċċarġjar rapidu meħtieġa iżda li tiswa aktar flus;
61. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata mobbiltà inklużiva, koeżiva u sostenibbli għall-Ewropej u r-reġjuni kollha, inkluż għar-reġjuni ultraperiferiċi; jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni ta' modi tat-trasport alternattivi, inklużivi, sikuri u sostenibbli u l-infrastruttura meħtieġa għal dan; jistieden lill-Istati Membri jaċċertaw il-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali meta jkunu qed ifasslu r-rekwiżiti tagħhom għall-installazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-irriċarġjar; ihegġegħ lill-Istati Membri jidentifikaw u jindirizzaw kwalunkwe ostaklu soċjali, ekonomiku, legali, regolatorju u amministrattiv għall-iżvilupp rapidu tal-punti tal-irriċarġjar;
62. Jirrikonoxxi l-importanza li jinżammu l-ispazji ekoloġiċi urbani eżistenti u s-sistemi ta' drenaġġ urban sostenibbli kemm jista' jkun meta tkun qed tiġi ppjanata l-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar residenzjali u mhux residenzjali u l-ispazji ta' parkeġġ;
63. Jinnota li ftit Stati Membri biss irrappurtaw progress promettenti fl-infrastruttura tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi f'bini u parkeġġi; jesprimi tħassib għan-nuqqas ta' progress fi Stati Membri oħra u jappella biex firxa usa' ta' data ssir disponibbli aktar malajr; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri pprovdew estimi għall-adozzjoni ta' vetturi elettriċi u miri għall-introduzzjoni ta' riċarġers elettriċi għas-sena 2020; jirrimarka, madankollu, li żewġ terzi biss mill-Istati Membri iprovdew data dwar il-miri għall-2025 u l-2030;
64. Jirrimarka li diversi awtoritajiet lokali bdew ifasslu pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni li jinkludu wkoll l-iffissar ta' skadenzi vinkolanti għall-projbizzjoni tal-użu ta' vetturi b'magna ta' kombustjoni interna; jistieden lil dawn l-awtoritajiet jiżguraw li l-pjanijiet tagħhom jinkludu appoġġ finanzjarju u tekniku ddedikat biex jadattaw l-istokk tal-bini tagħhom sabiex jissodisfaw il-pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u

lill-Kummissjoni.



27.10.2021

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (2021/2077(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Grapini

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija<sup>1</sup> (Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija - EPBD), u r-rieżami potenzjali tagħha,
- wara li kkunsidra l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" ippubblikat reċentement,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda<sup>2</sup>, u l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tishiĥ tal-istandards imsemmija hawn fuq bi qbil mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (COM(2021)0556),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi<sup>3</sup>, u r-rieżami ppjanat tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar

---

<sup>1</sup> ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75.

<sup>2</sup> ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

<sup>3</sup> ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

il-Klima")<sup>4</sup>,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640) u r-risoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2020<sup>5</sup> dwaru,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja" (COM(2020)0662),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" (COM(2020)0789),
  - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Analiżi preliminari tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul ta' 13-il Stat Membru" (SWD(2021)0069),
- A. billi l-vetturi elettriċi huma element importanti tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-UE bbażata fuq miżuri ta' effiċjenza enerġetika, enerġija rinnovabbli, fjuwils alternattivi u soluzzjonijiet innovattivi għall-ġestjoni tal-flessibbiltà tal-enerġija u sabiex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050;
- B. billi d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD) tikkomplementa d-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi billi tipprovdi bażi ġuridika għall-varar ta' punti tal-iċċarġjar f'bini residenzjali u mhux residenzjali; billi l-EPBD għandha rwol ewlieni fil-livell tal-UE biex tappoġġja l-iċċarġjar intelliġenti u privat, peress li l-biċċa l-kbira tal-iċċarġjar x'aktarx li jseħħ f'siti privati u f'siti mhux residenzjali aċċessibbli għall-pubbliku;
- C. billi analiżi approfondita tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-EPBD, ikkuntrastata mal-oġettivi klimatiċi msaħħa tal-UE għall-2030 u l-2050, għandha sservi bħala punt ta' referenza għar-rieżami futur tal-EPBD, li l-Kummissjoni hija mistennija li tipubblikah sal-aħħar trimestru tal-2021;
- D. billi ċarġers privati ta' vetturi elettriċi spiss għandhom applikazzjonijiet u rekwiżiti tekniċi differenti mill-punti tal-iċċarġjar pubbliċi peress li huma fornuti b'inqas enerġija u jintużaw għal perjodi itwal ta' ċċarġjar, filwaqt li jibqgħu l-aktar tip affordabbli ta' metodu ta' ċċarġjar;
- E. billi l-EPBD ikun jeħtieġ li tirrifletti r-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-ispazji ta' parkeġġ tal-bini billi tobbliga l-installazzjoni ta' pre-cabling adegwat għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi; billi mill-2025, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiddefinixxu rekwiżit minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-bini mhux residenzjali kollu, kemm pubbliku kif ukoll privat, b'aktar minn 20 spazju ta' parkeġġ skont il-kundizzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti;

***Oqfsa ta' politika nazzjonali, standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, u rekwiżiti***

---

<sup>4</sup> ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

### ***tal-punti tal-iċċarġjar***

1. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni tal-importanza tal-elettromobbiltà bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi għall-parkeġġi akbar minn ċertu daqs u ta' rekwiżiti minimi oħra għall-infrastruttura għal binjiet iżgħar; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' din l-infrastruttura tal-iċċarġjar għandha tiġi appoġġjata aktar;
2. Jenfasizza r-rwol importanti li r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti u d-disinn ta' bini ġdid jista' jkollhom fl-inkoraġġiment tal-użu tal-vetturi elettriċi bħall-karozzi, il-vannijiet, ir-roti u l-muturi billi jiġu pprovduti kemm spazji ta' parkeġġ adegwati kif ukoll infrastruttura tal-iċċarġjar, u b'hekk jingħata kontribut lid-dekarbonizzazzjoni ġenerali tas-settur tat-trasport; jinnota li b'dan l-intervent, il-bini jista' jsir aħjar għas-saħħa, aktar ekoloġiku u interkonness fi ħdan distrett ta' viċinat, kif ukoll aktar reżiljenti għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mobbiltà tal-EPBD billi tintroduċi rekwiżiti minimi, fejn fattibbli, f'tipi differenti ta' binjiet għall-infrastruttura tal-parkeġġ tar-roti u punti tal-iċċarġjar għar-roti elettriċi;
3. Jilqa' r-rikonoxximent tal-importanza tar-rekwiżiti tal-infrastruttura tal-pre-cabling f'bini residenzjali u mhux residenzjali ġdid bħala waħda mill-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni rapida tal-punti tal-iċċarġjar; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-inklużjoni ta' rekwiżiti bħal dawn fl-oqfsa ta' politika nazzjonali;
4. Iqis li huwa neċessarju li jiġu introdotti gradwalment rekwiżiti dwar standards minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija f'bini residenzjali, lukandi u akkomodazzjoni oħra fl-Istati Membri, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-inċentivi finanzjarji u mhux finanzjarji għal sidien u segmenti individwali; jemmen li dan se jiffaċilita wkoll b'mod indirett id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u tat-turiżmu;
5. Jenfasizza li d-disponibbiltà tal-punti tal-iċċarġjar hija waħda mill-inċentivi biex sid jew persuna li tikri proprjetà privata jagħżlu soluzzjoni ta' elettromobbiltà; jinnota madankollu li l-EPBD bħalissa tistabbilixxi biss ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tal-kanali għal bini residenzjali ġdid u bini residenzjali li qed jiġi rinnovat b'mod estensiv, b'aktar minn 10 spazji ta' parkeġġ; jirrimarka li d-direttiva tipprevedi esklużjoni fakultattiva jekk l-ispiża tal-installazzjonijiet tal-iċċarġjar u tal-kanali taqbeż 7 % tal-ispiża totali tar-rinnovazzjoni ġenerali tal-bini; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, twettaq analiżi tal-ispejjeż biex teżamina modi possibbli biex ttejjeg lill-iżviluppaturi jinstallaw l-infrastruttura adegwata għall-utenti tal-vetturi elettriċi;
6. Ifakkar li l-Istati Membri jeħtiġilhom jistipulaw ir-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-bini mhux residenzjali kollu b'aktar minn 20 spazju tal-parkeġġ, sal-1 ta' Jannar 2025; jinnota f'dan ir-rigward l-importanza li jiġu identifikati nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-EPBD, li r-rieżami tagħha għandu jinkorpora dispożizzjonijiet biex ikomplu jħeġġu u jiffaċilitaw l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar privata u pubblika f'bini residenzjali u mhux residenzjali;

### ***Aċċessibbiltà u ostakli amministrattivi***

7. Jenfasizza li s-soluzzjonijiet ta' elettromobbiltà jridu jkunu faċilment aċċessibbli għall-persuni kollha; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' rinnovazzjoni tal-bini, inklużi l-parkeġġi, biex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jenfasizza l-

ħtieġa, barra minn hekk, li jinżamm spazju għall-ħżin għal apparat ta' mobbiltà f'bini rinnovat u f'bini ġdid, inkluż għal siġġijiet tar-roti u pushchairs;

8. Jilqa' r-rikonoxximent tal-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw u jħaffu l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar billi jiġu indirizzati ostakli eżistenti bħall-inċentivi opposti u l-piżijiet amministrattivi; jirrimarka madankollu li l-ostakli amministrattivi għadhom jeżistu fil-livell nazzjonali u lokali, fir-rigward tal-ippjanar infrastrutturali u l-proċeduri tal-ġħoti ta' permessi għall-infrastruttura tal-iċċarġjar, li qed ixekklu l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar f'bini residenzjali u mhux residenzjali ġdid u eżistenti; jenfasizza li huma meħtieġa aktar sforzi biex jitneħħew dawn l-ostakli amministrattivi ċari;

### ***Komplementarjetà tal-infrastruttura pubblika-privata***

9. Jissottolinja l-kunċett li l-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'bini residenzjali u mhux residenzjali jeħtieġ li jikkomplementa infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku biex tiġi żgurata l-kapaċità ta' ċċarġjar tal-vetturi elettriċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-investment fl-elettromobbiltà u li tiġi installata infrastruttura ta' ċċarġjar li tkun tista' ttwettaq iċċarġjar intelliġenti, li jista' jiffaċilita t-trasferiment tat-tagħbija u r-rispons tad-domanda, u b'hekk jinħolqu grilji tal-elettriku orħos u aktar effiċjenti li jeħtieġu inqas kapaċità ta' ġenerazzjoni u infrastruttura;
10. Jemmen li l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar intelliġenti pubblika, semipubblika u privata għadha prekundizzjoni essenzjali biex tingħata spinta lill-adozzjoni ta' vetturi elettriċi fis-suq; jitlob għalhekk li jiżdied l-investment fil-bini u l-mobbiltà, li tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-użu ta' ġħodod diġitali għall-elettromobbiltà;
11. Jirrimarka li l-liġijiet rilevanti tal-UE għandhom jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, flimkien mar-rinnovazzjonijiet, il-bini ġdid u l-installazzjonijiet ġodda; jenfasizza l-importanza tal-investment fl-istazzjonijiet pubbliċi tal-iċċarġjar tul il-kuritur tan-network ewlieni u fin-network komprensiv, iżda jenfasizza li dawn jistgħu jkunu biss flimkien man-numru ħafna akbar ta' punti tal-iċċarġjar li se jkunu meħtieġa f'żoni urbani; jirrimarka li l-aktar mod kosteffikaċi u prattiku biex tiħaffef il-bidla għall-enerġija elettrika tal-flotot tal-vetturi huwa li l-punti tal-iċċarġjar ikunu disponibbli qrib id-djar u l-postijiet tax-xogħol, fejn dawn iservu bħala żieda fundamentali għall-infrastruttura tal-iċċarġjar rapidu meħtieġa iżda li tiswa aktar flus;

### ***Koeżjoni, mekkaniżmi ta' investment u bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero***

12. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata mobbiltà inklużiva, koeżiva u sostenibbli għall-Ewropej u r-reġjuni kollha, inkluż għar-reġjuni ultraperiferiċi; jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni ta' modi tat-trasport alternattivi, inklużivi, sikuri u sostenibbli u l-infrastruttura meħtieġa għal dan; jistieden lill-Istati Membri jaċċertaw il-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali meta jfasslu r-rekwiżiti tagħhom għall-installazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar; iħeġġeġ lill-Istati Membri jidentifikaw u jindirizzaw kwalunkwe ostaklu soċjali, ekonomiku, legali, regulatorju u amministrattiv għall-iżvilupp rapidu tal-punti tal-iċċarġjar;
13. Jenfasizza li kostruzzjonijiet u rinnovazzjonijiet ġodda ta' bini residenzjali u mhux

residenzjali jridu jqisu l-aspetti ambjentali, it-tranżizzjoni diġitali u l-elettromobbiltà; jenfasizza l-ħtieġa li r-reqwiziti ta' kważi żero enerġija għal bini ġdid u għal rinnovazzjonijiet jinżammu kemm jista' jkun possibbli;

### ***SMEs***

14. Jissottolinja l-fatt li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) Ewropej, inklużi dawk mis-settur tat-trasport u tat-turiżmu, se jkollhom rwol essenzjali fil-"Mewġa ta' Rinnovazzjoni"; jenfasizza li inċentivi bħat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema se jkunu ċentrali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE;
15. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju adegwat lill-SMEs fis-settur tal-konstruzzjoni sabiex jiġu mħeġġa u stimulati l-konstruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini skont ir-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija; iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw miżuri possibbli bħall-ħelsien mit-taxxa, l-adozzjoni ta' sistemi effettivi ta' self bankarju u soluzzjonijiet oħra ta' finanzjament biex jappoġġjaw lill-SMEs fl-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar intelliġenti u privati, u b'hekk jippromwovu wkoll l-użu ta' karozzi elettriċi fil-flotot tagħhom ta' vetturi ħfief;

### ***Rinnovazzjonijiet, strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul u ppjanar urban***

16. Jissottolinja li r-rinnovazzjoni tal-bini għandha rwol essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u d-diġitalizzazzjoni fis-settur tat-trasport; jenfasizza li l-miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u ż-żieda fir-rata ta' rinnovazzjoni għall-istokk tal-bini attwali se jkunu importanti biex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi fuq terminu qasir u fit-tul tal-UE, u biex jiġi ffaċilitat il-kontribut tas-settur tat-trasport għalihom; ifakkar, f'dan ir-rigward, l-ambizzjoni tal-Kummissjoni kif deskritti fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-"Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa" li mill-inqas tirdoppja r-rati annwali ta' rinnovazzjoni tal-enerġija għall-bini kollu u żżid ir-rinnovazzjonijiet kbar;
17. Jenfasizza li x-xogħol kollu ta' rinnovazzjoni tal-bini għandu jsegwi l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jikkontribwixxi għall-mira tal-UE li tintlaħaq newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji privati u pubbliċi jiġu mmotivati permezz ta' mekkaniżmi ta' investiment xierqa biex jiżdied il-volum ta' rinnovazzjonijiet u konstruzzjoni, biex jitħeġġeġ id-dħul ta' kapital għall-utenti finali u biex jiġi attirat redditu fuq l-investiment;
18. Jirrikonoxxi l-benefiċċji ta' approċċi ċċentrati fuq id-distrett u l-komunità għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini biex jiżdiedu u jiġu sfruttati s-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala; jemmen li aktar ipplanar lokali huwa strumentali sabiex jissaħħu l-konnessjonijiet bejn il-modi tat-trasport, l-aċċessibbiltà u l-funzjonalità tal-ispazji komunitarji u l-viċinati, u biex jiġu integrati miżuri ta' mitigazzjoni u adattament tal-klima biex jittejjbu l-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, kif ukoll il-preservazzjoni tal-wirt kulturali;
19. Huwa tal-fehma li t-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini għandu l-potenzjal li jrawwem ir-riġenerazzjoni urbana, li hija strumentali għall-impjiegi, ir-riġenerazzjoni tal-bini u t-tibdil fix-xejriet tal-mobbiltà u l-aċċessibbiltà, li għandhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u ta' kwalità għolja;

20. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiddedikaw attenzjoni partikolari fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tagħhom għar-rinnovazzjoni tal-parkeġġi u bini rilevanti ieħor għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali; jistieden lill-Istati Membri jiddeskrivu b'mod komprensiv kemm jista' jkun kif dawn ir-rinnovazzjonijiet se jitwettqu, inkluż billi jindirizzaw il-preġudizzju inkonxju u l-ostakli strutturali sistemiċi bħal inugwaljanzi soċjoekonomiċi u bejn il-ġeneri intersezzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tipprovi gwida dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul;
21. Jenfasizza l-hteġa ta' ppjanar urban olistiku, koerenti u inklużiv u l-promozzjoni ta' modi tat-trasport sikuri u sostenibbli u l-infrastruttura ta' appoġġ tagħhom;
22. Jirrikonoxxi l-importanza li jinżammu l-ispażji ekoloġiċi urbani eżistenti u s-sistemi ta' drenaġġ urban sostenibbli kemm jista' jkun meta jkun qed jiġi ppjanat il-bini ta' infrastruttura ta' iċċarġjar residenzjali u mhux residenzjali u spażji ta' parkeġġ;

### ***Nuqqas ta' progress mill-Istati Membri***

23. Jinnota li f'tit Stati Membri biss irrappurtaw progress promettenti fl-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi f'bini u parkeġġi; jesprimi tħassib għan-nuqqas ta' progress fi Stati Membri oħra u jappella biex firxa usa' ta' data ssir disponibbli iktar malajr; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri pprovdew estimi għall-użu ta' vetturi elettriċi u miri għall-introduzzjoni ta' iċċarġjar elettriċi għas-sena 2020; jirrimarka, madankollu, li żewġ terzi tal-Istati Membri biss ipprovdew data dwar il-miri għall-2025 u l-2030;
24. Jirrimarka li diversi awtoritajiet lokali bdew ifasslu pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni li jinkludu wkoll l-iffissar ta' skadenzi vinkolanti għall-projbizzjoni tal-użu ta' vetturi b'magna ta' kombustjoni interna; jistieden lil dawn l-awtoritajiet jiżguraw li l-pjanijiet tagħhom jinkludu appoġġ finanzjarju u tekniku ddedikat biex jadattaw l-istokk tal-bini tagħhom sabiex jissodisfaw il-pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom;
25. Ifakkar li b'aktar minn 50 miljun persuna milquta mill-faqar enerġetiku fl-UE, għandha tingħata assistenza finanzjarja biex tappoġġja lill-familji bi dħul baxx biex jikkonformaw mal-istandards minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija; iqis li huwa importanti li l-Istati Membri jiggarantixxu aċċess għall-elettriku għal persuni vulnerabbli.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.10.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 45 - : 3 0 : 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Johan Danielsson, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, João Pimenta Lopes, Tomasz Piotr Poręba, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Henna Virkkunen, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clare Daly, Tomasz Frankowski, Maria Grapini, Roman Haider, Pär Holmgren, Patrizia Toia
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karolin Braunsberger-Reinhold

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

45	+
ECR	Tomasz Piotr Poręba, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
ID	Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Roman Haider
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Tomasz Frankowski, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Johan Danielsson, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Vera Tax, Patrizia Toia, István Ujhelyi, Petar Vitanov
The Left	Clare Daly, Elena Kountoura, João Pimenta Lopes
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Pär Holmgren, Tilly Metz

3	-
ID	Julie Lechanteux, Philippe Olivier
NI	Dorien Rookmaker

1	0
ECR	Peter Lundgren

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni



**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.11.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 51 -: 11 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Tom Berendsen, Vasile Blaga, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Martin Buschmann, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Claudia Gamon, Nicolás González Casares, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Romana Jerković, Seán Kelly, Łukasz Kohut, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Marisa Matias, Eva Maydell, Dan Nica, Angelika Niebler, Mauri Pekkarinen, Markus Pieper, Clara Ponsatí Obiols, Sira Rego, Manuela Ripa, Jérôme Rivière, Robert Roos, Jessica Stegrud, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Damian Boeselager, Salvatore De Meo, Ismail Ertug, Eleonora Evi, Martin Hojsík, Janusz Lewandowski, Adriana Maldonado López, Dragoş Pîslaru, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Jacek Saryusz-Wolski, Susana Solís Pérez, Ivan Štefanec, Emma Wiesner
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Claude Gruffat, Ska Keller, Harald Vilimsky, Petar Vitanov

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>51</b>	<b>+</b>
NI	Clara Ponsatí Obiols
PPE	Pascal Arimont, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Salvatore De Meo, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Janusz Lewandowski, Eva Maydell, Angelika Niebler, Markus Pieper, Massimiliano Salini, Ivan Štefanec, Riho Terras, Pernille Weiss,
RENEW	Valter Flego, Claudia Gamon, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Mauri Pekkarinen, Dragoş Pişlaru, Dominique Riquet, Susana Solís Pérez, Emma Wiesner
S&D	Josianne Cutajar, Ismail Ertug, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Romana Jerković, Łukasz Kohut, Miapetra Kumpula-Natri, Adriana Maldonado López, Dan Nica, Petar Vitanov, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Rosa D'Amato, Eleonora Evi, Claude Gruffat, Henrike Hahn, Ska Keller, Manuela Ripa

<b>11</b>	<b>-</b>
ECR	Robert Roos, Jessica Stegrud
ID	Paolo Borchia, Markus Buchheit, Rosanna Conte, Jérôme Rivière, Harald Vilimsky
NI	Martin Buschmann
THE LEFT	Marc Botenga, Marisa Matias, Sira Rego

<b>2</b>	<b>0</b>
ECR	Jacek Saryusz-Wolski, Grzegorz Tobiszowski

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni